**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 460/2021/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Ibrahim Al Yassin**

Illum 20 ta' April 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Ibrahim Al Yassin**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 539613(L), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

1. fuq talba ta' l-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol fil-kapaċita' tiegħu personali u/jew bħala direttur ta' I.B.R. Finishings Limited u persuna li tħaddem nhar it-2 ta' Lulju, 2019 matul il-ġurnata u/jew fil-ġimgħat u/jew fix-xhur ta' qabel f'128, Triq Dr. Nikola Zammit, Siggiewi naqas milli

jħares is-saħħa u sigurta' ta' l-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affetwati bix-xogħol, li jkun qed isir u dan billi naqas milli jieħu l-passi neċessarji kollha sabiex jiġi evitat dannu fiżiku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol u dan *ai termini* ta' l-Artikoli 6(1)(2) ta' l-Att 27/2000 (Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuna li tħaddem naqas li jara li xogħol fl-għoli jkun ppjanat sew u jieħu miżuri xierqa u sufficjenti biex jipprevjeni waqgħat minn distanzi li jistgħu jikkawżaw dannu personali. Naqas li jara li xogħol fil-għoli jitwettaq biss b'tagħmir xieraq jew li jintużaw mezzi kollettivi ta' protezzjoni bħal bennieni, pjattaformi jew xbieki ta' sigurta'. Fejn bennieni huma wżati, dawn għandhom ikunu solidi, għoljin biżżejjed u jkollhom almenu zokklu, poġġaman prinċipali u poġġaman intermedju jew alternattiva ekwivalenti. Naqas li jara li ilqugħ protettiv, barrieri jew forma oħra ta' protezzjoni għandu jiġu mwahhla madwar garigori, turġien, xaftijiet, gallariji, it-truf, fetħiet u f'xi oqsma oħra kollha fejn kull persuna tista' taqa' distanza li tista' tikkawża ħsara personali, jew li jaqgħu ġewwa xi likwidu jew materjal li jinvolvu riskju mill-għarqa jew korriment serju. Naqas li jara li lqugħ prottetiv, barrieri jew forma ohra ta' protezzjoni għandhom ikunu ta' kostruzzjoni tajba, materjal tajjeb u sod, ta' għoli adegwat, u ta' saħħa adegwata għall-iskop li huma użati u dan *ai termini* ta' Art. 5.1, 5.2, 5.3, 5.4, 5.5 (Skeda IV Sezz. II Parti B) ta' A.L. 88/2018;

3. fil-kapaċita' tiegħu ta' persuna li tħaddem tiżgura li kull tagħmir protettiv personali jkun iħares id-dispożizzjonijiet speċifikata fi Skeda 2 ta' l-Ordni u tiżgura li fejn hemm il-presenza ta' aktar minn riskju wieħed jeħtieġ li ħaddiem jilbes fl-istess ħin aktar minn oġġett wieħed ta' tagħmir protettiv personali, dak l-apparat ikun kumpatibbli u li jibqa' jkun effettiv kontra r-riskju jew riskji involuti. Naqas ukoll li jistabilixxi l-kondizzjonijiet ta' użu ta' taghmir protettiv personali, b'mod partikolari għal kemm ħin għandu jintlibes, skont il-bażi tas-serjeta' tar-riskju, il-frekwenza ta' kemm

bniedem ikun espost għar-riskju, il-karatteristici tal-post tax-xogħol ta' kull ħaddiem u l-operazzjoni tat-tagħmir protettiv personali u jiżgura wkoll li jekk iċ-ċirkostanzi jeħtieġu li tagħmir protettiv personali jintlibes minn aktar minn persuna wahda jiehu l-miżuri kollha xierqa sabiex jiżgura li dan l-użu ma joħloq ebda problema ta' sahha jew iġjene għall-utenti differenti. Naqas li jiżgura li dan it-tagħmir jingħata mingħajr ebda ħlas minn min iħaddem u jiżgura li dan it-tagħmir ikun jiffunzjona tajjeb u jkun f'kundizzjoni iġjenika tajba permezz tal-manutenzjoni, it-tiswija u t-tibdil ta' biċċiet meħtieġa. Naqas milli jara li qabel ħaddiem juża tagħmir protettiv personali javżah dwar ir-riskji li t-tagħmir ikun qed iħarsu kontrihom. Naqas ukoll li jiżgura li jigi kkonsultat ir-Rappreżentant għas-Saħħa u s-Sigurta' tal-Ħaddiema u dan *ai termini* ta' l-Artikoli 4, 5, 6, 7, 8, 10(1)(2), 11 u 17 ta' l-A.L. 121/03 (S.L. 424.21);

4. f'ismu propju u/jew bħala persuna li jħaddem nhar it-2 ta' Lulju 2019 fil-għodu u/jew fix-xhur ta' qabel impjega jew ta xogħol lil persuna li ma kenitx persuna eżenti u li ma kellhiex liċenzja mogħtija lilha għal dak l-impjieg jew xogħol skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. taħt l-istess ċirkostanzi, bħala principali mpjega xi persuna li ma kenitx cittadina ta' Malta u lanqas kellha permess waħdieni u liċenzja ta' mpjieg, *ai termini* tal-Artikolu 43 tal-Kapitolu 594 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-2 ta' Diċembru 2021, fejn il-Qorti, wara li rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tal-imputat, kif ukoll wara li rat l-Artikoli tal-liġi rilevanti, senjatament Artikolu 6 tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta, Regolament 5 ta' Skeda IV (Parti B, Sezzjoni II) tal-Avviż Legali 281/2004 u Regolamenti 5.1 sa 5.5 ta' Skeda IV, Sezzjoni II Parti B tal-Avviż Legali 88/2018, Regolamenti 4, 5, 6, 7, 8, 10, 11 u 17 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 424.21, Artikolu 43 tal-Kapitolu 594 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 32(1)(b) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat

ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u konsegwentement ikkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' erbat elef Euro (€4,000) li f'każ li ma titħallasx għandha timbidel fi priġunerija fit-termini ta' Artikolu 11 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fis-17 ta' Diċembru 2021 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: "*1. Tħassar din is-sentenza appellata għal raġunijiet indikati u tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija skont il-liġi; 2. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk din l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali jidhrilha li m'għandhiex tilqa' l-ewwel talba ALTERNATTIVAMENT tirriforma l-parti tas-sentenza konċernanti l-piena nflitta fil-konfront tal-appellant u minflok tinfliġġi piena aktar idonea skont iċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ.*"

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi l-appellant ġie mixli b'numru ta' imputazzjonijiet quddiem l-Ewwel Qorti wara li fit-2 ta' Lulju 2019 uffiċjal tal-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol (OHSA) għamel spezzjoni fuq is-sit 128, Triq Dr. Nikola Zammit, Siġġiewi fejn kien qed isir xogħol ta' kisi. Mill-ispezzjoni rriżulta li kien hemm xi ħaddiema li ma kienux libsa *safety shoes* u kien hemm ukoll il-biża' ta' waqgħat mill-għoli u rriżulta wkoll li l-ħaddiema ma kellhomx dokumenti ta' identifikazzjoni. Sussegwentement irriżulta li wieħed mill-impjegati kien reġistrat mal-Jobspls f'Settembru 2020 u l-impjegat l-ieħor qatt ma kien ġie reġistrat.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jisħaq li meta fit-3 ta' Lulju 2019 ġie mistoqsi mill-Uffiċjal tal-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol huwa kellu problema ta' komunikazzjoni minħabba l-lingwa, liema problema ppersistiet minħabba l-fatt li ma ġiex assistit minn interpretu waqt l-interrogatorju.

Illi din il-Qorti tinnota li filwaqt li huwa minnu li meta persuna tiġi nterrogata għandha tingħata d-drittijiet kollha sabiex tkun tista' tifhem dak li qed jingħad jew li qed tiġi mistoqsija, pero' fl-istess waqt fir-rigward tal-każ odjern speċifikament fir-rigward tal-interrogatorju in kwistjoni fl-atti proċesswali hemm biss dokument intitolat "Twissija u Dikjarazzjoni ta' Rifjut għall-Assistenza ta' Għajnuna Legali" (Dok. "2" – *a fol.* 11) u xejn aktar. Apparti minn dan, jirriżulta li ma sarx kontro-eżami tal-Uffiċjal tal-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol ossia ta' Charlie Farrugia. Minn imkien fl-atti proċesswali ma jirriżulta xi ilment mill-appellant hekk kif imsemmi fl-ewwel aggravju fir-Rikors tal-appell tiegħu għajr għal sottomissjoni partikolari qabel l-Ewwel Qorti għaddiet biex tagħti s-sentenza tagħha fejn ingħad li l-appellant għandu problema bil-lingwa u li l-verżjoni għandha tittieħed *"sura ta' nies kif titlob il-liġi jekk hemm bżonn bl-interpretu, jekk hemm bżonn bid-dritt ta' l-avukat"* (*a fol.* 43). B'hekk meħud in konsiderazzjoni ta' dak kollu li ngħad fir-rigward tal-ewwel aggravju tal-appellant, dan l-ewwel aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-Qorti ser tgħaddi biex tikkunsidra t-tieni u t-tielet aggravju tal-appellant flimkien peress tqies li huma konnessi.

Illi fit-tieni aggravju l-appellant jissottometti li l-proċess kriminali huwa sajjem mill-provi u li l-Ewwel Qorti straħet biss fuq ix-xhieda tal-Uffiċjali tal-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol. Jissottometti li l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq provi suffiċjenti sal-grad rikjest mil-liġi.

Illi fit-tielet aggravju l-appellant jilmenta li ma ngħabet l-ebda prova li ż-żewġ persuni li nstabu fis-sit in kwistjoni ċioè Shiraz Al Yassin u Abdul Al Yassin huma impjegati tal-appellant u mhux tal-kuntratturi l-oħrajn li kien hemm jaħdmu fil-fond. Jisħaq li l-aqwa prova setgħet faċilment tinġieb billi jixhdu l-istess ħaddiema msemmija u li bil-ġurament tagħhom jikkonfermaw fatti li jafu huma personalment.

Illi fir-rigward ta' dawn iż-żewġ aggravji din il-Qorti tinnota li r-rwol tagħha huwa dak li tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx raġonevolment u legalment tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fil-31 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Julian Genovese** (Numru 141/2008) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-ewwel tlitt aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li għamlet l-ewwel Qorti. Issa hu prinċipju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha."

Illi din il-Qorti filwaqt li tagħmel riferenza għal dak li ngħad aktar 'il fuq fir-rigward tal-ewwel aggravju tal-appellant, tinnota li fl-affidavit tiegħu Charlie Farrugia (Uffiċjal tal-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol – *a fol.* 6 *et seq.*) qal li fuq il-post sab żewġ ħaddiema li kienu Shiraz Al Yassin u Abdul Al Yassin u li meta Farrugia tkellem mal-appellant, l-appellant ikkonferma li hu kien qed jagħmel ix-xogħlijiet u li kien responsabbli mill-ħaddiema. Apparti minn dan irriżulta wkoll li fid-data li saret l-ispezzjoni l-ħaddiema li kien hemm fil-post in kwistjoni ma kienux reġistrati mal-Jobsplus (la mal-appellant f'ismu propjru u lanqas mal-kumpaniji tiegħu), b'dan illi l-imputazzjonijiet

addebitati fil-konfront tal-appellant jagħmlu riferenza għat-2 ta' Lulju 2019 u fil-ġimgħat u/jew fix-xhur ta' qabel fejn filwaqt li Shiraz Al Yassin kien irreġistrat biss f'Settembru 2020, Abdul Al Yassin qatt ma kien reġistrat.

Illi da parte tiegħu l-Prokuratur Legali Quentin Tanti (*a fol.* 28) xehed li d-direttur tas-soċjeta' I.B.R. Finishings Limited huwa l-appellant u Peter Agius (*a fol.* 29 *et seq.*) qal li huwa kien għadda x-xogħol ta' kisi u tibjid lill-appellant.

Illi meħud in konsiderazzjoni dak li għadu kemm ingħad hawn fuq abbinat ma' dak li jirriżulta fl-atti proċesswali nkluż id-depożizzjonijiet tax-xhieda mismugħa mill-Ewwel Qorti u kif ukoll inkluż ir-ritratti eżebiti (Dok. "1" – *a fol.* 9 *et seq.*), din il-Qorti jirriżultalha li l-Prosekuzzjoni ressqet biżżejjed provi fuq liema l-Ewwel Qorti setgħet tasal għal konklużjoni li waslet għaliha. Għaldaqstant, anke t-tieni u t-tielet aggravju tal-appellant qed ikunu miċħuda.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-raba' aggravju l-appellant jisħaq li l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti kienet waħda eżaġerata u li ma tirriflettix iċ-ċirkostanzi tal-każ.

Illi l-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed** (Numru 386/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "10. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. [...]
>
> 11. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati

(Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha."

Illi din il-Qorti taqbel ma' dak hawn fuq ikkwotat u tagħmlu tagħha b'dan illi wara li rat il-piena erogata mill-Ewwel Qorti u ċioè dik ta' multa ta' erbat elef Euro (€4,000), il-Qorti ma tqiesx li din il-multa hija waħda eżaġerata u li ma tirriflettix ċ-ċirkostanzi tal-każ hekk kif isostni l-appellant u dana tenut kont ta' dak li tiddisponi l-liġi fir-rigward tal-piena għall-imputazzjonijiet li tagħhom l-appellant instab ħati. Din il-Qorti tirrafferma dak li qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha li hija temmen fis-sħiħ li l-kuntratturi għandhom ikunu ben konxji tal-obbligi legali tagħhom għal dak li jirrigwarda saħħa u sigurta' fuq il-post tax-xogħol speċjalment tenut kont tar-riskji li dan is-settur tal-kostruzzjoni iġorr miegħu u ġialadarba n-nuqqas ta' ħarsien ta' dawn l-obbligi jistgħa jirriżulta f'korrimenti serji ta' terzi persuni. Għaldaqstant, anke r-raba' aggravju qed ikun miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Ibrahim Al Yassin u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**